**28. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali, l-Onor. Louis Grech jipproponi:**

Billi, skont ir-Regolamenti Numru 1 u Numru 3 tar-Regolamenti tal-Proċedura tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u Kooperazzjoni fl-Ewropa, l-Assemblea Parlamentari ta' din l-istess Organizzazzjoni għandha tikkonsisti f'rappreżentanti ta' kull Parlament tal-pajjiżi li ffirmaw l-Att Finali ta' Helsinki (1975), kif ukoll iċ-Charter ta' Pariġi (1990), u li jkunu jipparteċipaw fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u Kooperazzjoni fl-Ewropa, liema rappreżentanti għandhom ikunu maħtura minn fost il-Membri ta' kull Parlament, skont kif dan jiddeċiedi; u

Billi l-istess Regolamenti ta' Proċedura jistabbilixxu li l-Membri li jirrappreżentaw lil Malta fl-Assemblea Parlamentari ta' din l-Organizzazzjoni għandhom ikunu tlieta, u li jista' jkollhom tliet sostituti għalihom;

Hu għalhekk riżolut illi l-Kamra taħtar dawn il-Membri bħala r-Rappreżentanti tagħha:

L-Onor. Christopher Fearne – Kap tad-delegazzjoni

L-Onor. Carmelo Abela

L-Onor. Frederick Azzopardi

u illi l-Kamra taħtar ukoll lil dawn is-sostituti tagħhom:

L-Onor. Luciano Busuttil

L-Onor. Michael Falzon

L-Onor. Jason Azzopardi

Huwa wkoll riżolut illi din in-nomina ta' kull Rappreżentant u ta' kull Sostitut rispettiv tibqa' fis-seħħ sakemm dawn ir-Rappreżentanti u Sostituti jibqgħu Membri ta' dan il-Parlament, jew sakemm din il-Kamra ma tiddeċidix xort'oħra.

25.04.13